MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**IAN SPITERI BAILEY**

Seduta tat-30 ta' April, 2007

Talba Numru. 351/2006

**Anna Tabone (ID 208962M)**

**Vs**

**Keith John Harrington u Francis Borg (ID 178961M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz fl-ismijiet premessi pprezentat fl-20 ta’ April 2006, fejn intalab li l-konvenuti jigu kkundannati ihallsu lill-attrici s-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500.00), ghar-ragunijiet msemmija fl-Avviz msemmi, bl-ispejjes.

Wara li ra n-nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attrici tas-6 ta’ Gunju 2006 sabiex l-konvenut Francis Borg iwiegeb ghalihom bil-gurament, u n-nota tal-mistoqsijiet ta’ l-attrici tas-17 ta’ April 2007 sabiex il-konvenut John Keith Harrington ukoll iwiegeb ghalihom bil-gurament u b’hekk il-kreditu jigi ppruvat (Artikoli 698(2) u 702 tal-Procedura Civili);

Billi ghalkemm il-konvenuti notifikati regolarment, il-konvenuti naqqsu u ma dehrux ghall-ebda seduta quddiem it-Tribunal, lanqas allura meta gew ipprezentati l-kapitoli ghas-subizzjoni u lanqas ghas-seduta ta’ llum, u n-noti tal-mistoqsijiet jisthoqq li jkunu emmnuti u ghalhekk ghandhom jittiehdu bhala mistqarra;

Ha konjizzjoni tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ghaldaqstant peress illi t-talba ta’ l-attrici tirrizulta sodisfacentement ippruvata, u wara li ra l-Artikolu 13 (b) tal-KAP 380 tal-Ligijiet ta’ Malta, it-Tribunal jilqa' t-talba u jikkundanna lill-konvenuti ihallsu lill-attrici s-somma ta’ hames mitt Liri Maltin (Lm500), bl-ispejjez ta’ dina l-istanza li ghandhom jigu sopportati interament mill-konvenuti kif mitlub fl-avviz.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------